**MALTA**
**TRIBUNAL TA' REVIŻJONI AMMINISTRATTIVA**
**MAĠISTRAT DR. CHARMAINE GALEA**

**Illum 29 ta' April 2024**

**Rikors Numru 115/2023**

**Kenneth Tabone**

**Vs**

**Awtorita` tal-Artijiet**

**It-Tribunal,**

Ra r-rikors ta' **Kenneth Tabone** ippreżentat fil-31 ta' Ottubru 2023 li permezz tiegħu ppremetta u talab is-segwenti:-

*1.Illi permezz ta' ittra datata 4 ta' Ottubru 2023 (Dokument AST1) u indirizzata lill-konsulent legali tal-esponenti li waslet għandu fis-16 ta' Ottubru 2023 l-esponenti ġie infurmat mill-intimata Awtorita tal-Artijiet li fuq t-talba oriġinali tiegħu għall-"No Objection in Principle" għall-"Kiosk for selling food at Part of Triq Burmarrad, San Pawl il-Baħar" li b'deċiżjoni tagħha tal-14 ta' Settembru 2022 ngħad li t-talba kienet qed tiġi rifjutata hekk;*

*"The Lands Authority is hereby refusing the request for a concession by encroachment , as per article 31 (g)(H) of Chapter 573 of the Laws of malta, for the following reasons; a) The lands Authority cannot accede to requests for the direct allocation of public land under any form of title, including encroachment concessions since this goes against the spirit of the law, in particular the provisions of the Government Lands Act Cap 573, in terms of the requirement of a competitive and transparent bidding process where potential commercial sites are offered to the public in general by tender or auction. Encroachment concessions should only be awarded by direct allocation to applicants if there is sufficient justification , such as the area being contiguous to a larger establishment. This is not the case for the current proposal since the site has been chosen and proposed in an arbitrary manner by a private individual, and the proposed kiosk is a stand-alone commercial unit without any correlation to a contigous establishment."*

*2.Illi din l-ittra ġiet ukoll wara li permezz ta' ittra preċedenti u datata 4 ta' Ottubru 2021 l-esponenti kien ġie infurmat mill-intimata Awtorita tal-Artijiet li fuq t-talba oriġinali tiegħu għall-"No Objection in Principle" għall-"Kiosk for selling food at Part of Triq Burmarrad, San Pawl il-Baħar" li b'deċiżjoni tagħha ngħad hekk;*

*"With reference to your application , to submit a Development Permission Application with the Planning Authority , the Lands Authority has assessed and decided upon the request as follows: Decision: "REFUSE CONSENT" u tkompli a) The Lands Authority cannot accede to piecemeal requests for the establishment of kiosk sites on public land which has not been planned for this type of development." Kif ukoll "The Lands Authority is hereby refusing the request for a concession by encroachment, as per Article 31(g)(H) of Chapter 573 of the Laws of Malta for the following reasons:"*

*Liema posizzjoni u deċiżjoni nsegwitu ġiet revokata , mħassra, u annullata in virtu ta' sentenza mogħtija minn dan t-Tribunal fit-12 ta' April 2022 (Rik.Num 109.21) fl-ismijiet Kenneth Tabone vs Awtorita tal-Artijiet (Dokument AST2).*

*3.Illi dawn d-deċiżjonijiet jsegwu oħra li kienet ntbgħatet lill-esponenti permezz ta' ittra datata 24 ta' Lulju 2019 fejn dak iż-żmien l-esponenti kien ġie nfurmat mill-intimati Awtorita tal-Artijiet li fuq t-talba tiegħu għall-"No Objection in Principle" għall-"Kiosk for selling food at Part of Triq Burmarrad, San Pawl il-Baħar" b'deċiżjoni tal-Bord tal-Gvernaturi meħuda fis-19 ta' Lulju 2019 din ġiet miċħuda. Fejn l-motivazzjoni ta' tali deċiżjoni dak iż-żmien kienet kważi l-istess u simili ħafna li "peress li ma hemmx bżonn għal Kiosk oħra f'dak l-ambjent peress li diġa jeżistu numru ta' stabbilimenti kummerċjali u talli kiosk tista toħloq perikolu għat-traffiku" liema psizzjoni kienet ukoll ġiet revokata, mħassar u annulata b'deċiżjoni finali tal-Qorti tal-Appell tal-4 ta' Novembru 2020 fl-ismijiet Kenneth Tabone vs Awtorita tal-Artijiet (App.Inf.75.19) (Dokument AST3).*

*4.Illi l-esponenti insegwitu għas-sentenza mogħtija minn dan t-Tribunal fit-12 ta' April 2022 (Rik.Num 109.21) fl-ismijiet Kenneth Tabone vs Awtorita tal-Artijiet beda jikteb lill-Awtorita intimata sabiex tiddikjara l-posizzjoni tagħha.*

*5.Illi dwar dan l-punt huwa dejjem permezz tal-konsulent legali tiegħu kiteb fis-6 ta' Ġunju 2022 (Dokument AST4), fl-14 ta' Lulju 2022 (Dokument AST5) fil-31 ta' Awissu 2022 (Dokument AST6) bgħatt ittra uffiċjali numru 4335.2022 datata 13 ta' Ottubru 2022 (Dokument AST7) wara ittra oħra datata 22 ta' Novembru 2022 (Dokument AST8) ittra oħra fl-24 ta' Jannar 2023 (Dokument AST9) , ittra oħra datata 27 ta' Ġunju 2023 (Dokument AST10) mingħajr ma rċieva tweġiba għalihom lkoll, biss fl-4 ta' Lulju 2023 (Dokument AST11) l-konsulent legali rċieva ittra mingħand l-konsulent legali tal-Awtorita tinfurmah li "d-deċiżjoni tagħha kienet komunikata lill-klijent u kif ukoll lill-perit tal-fiduċja tiegħu Jesmond Mugliett permezz ta email datata nhar l-14 ta' Settembru 2022" għal dan l-esponenti li ma kien irċieva xejn kiteb reġgħa fit-12 ta' Lulju 2023 (Dokument AST12) u talab li jingħata kopja tal-istess email u billi ma kienx hemm tweġiba għal dan b'ittra oħra datata 28 ta' Settembru 2023 (Dokument AST13) reġgħa għamel tali talba.*

*6.Illi minn eżami tal-istess ittra datata 4 ta' Ottubru 2023 (Dokument AST1) bl-email li ntbgħatet jirriżulta li l-email address ma huwiex tal-esponenti u għalhekk l-komunikazzjoni uffiċjali tal-imsemmija Awtorita saret żbaljatament.*

*7.Illi huwa ċar ħafna li r-raġunijiet li tresqu f'din l-aħħar ittra datata 4 ta' Ottubru 2023 (Dokument AST1)l-imsemmija Awtorita intimata rrikorriet għal istess forma ta'*

*raġunijiet li kienet resqet fit-tieni proċeduri u ċioe dawk finalizzati fit-12 ta' April 2022 hawn fuq indikata.*

*8.Illi minħabba l-fatt li l-esponenti jħossu aggravat bl-aġir u b'din d-deċiżjoni tal-4 ta' Ottubru 2023 li huwa qatt ma rċieva u li l-konsulent legali tiegħu ġiet għandu fis-16 ta' Ottubru 2023 huwa minnha bil-presenti qiegħed jressaq umili appell ulterjuri quddiem dan t-Tribunal Onorabbli.*

*8.Illi l-aggravju huwa ċar u manifest u jikkonsisti fis-segwenti*

*a.Illi fil-bidu nett jrid jiġi dikjarat bl-aktar mod ċar li l-esponenti personalment qatt ma rċieva d-deċiżjoni mogħtija fl-14 ta' Settembru 2022 kif kontenuta fl-ittra datata 4 ta' Ottubru 2023 (Dokument AST1) u li noltre l-konsulent legali tal-esponenti waslet għandu ferm iktar tard u ċioe' fis-16 ta' Ottubru 2023 u apparti l-fatt li l-komunikazzjonijiet għandhom jsiru regolari u kif kienu saru preċedentement pero l-imsemmija Awtorita intimata damet sew.*

*b.Illi preliminarjament mingħajr preġudizzju l-esponenti jara li r-raġuni li tresqet fl-ittra tal-Awtorita dejjem jekk tiġi konsidrata bħala waħda valida li hija ripetizzjoni f'verżjoni differenti ta dak li diġa ġie mgħarbel u deċiż minn dan t-Tribunal fis-sentenza tat-12 ta' April 2022 u għalhekk ma hemm xejn ġdid fit-tieni li bħal ma kien diġa ssottometta u ġie mgħarbel sew mill-Qrati nostrali ma jara ebda raġuni valida fil-liġi sabiex ma jkunx hemm l-aċċettazzjoni tat-talba tiegħu kif stabbilita. Hemm huwa qiegħed jibża ferm u ferm aktar minn qabel li daħal forma ta' akkaniment li sviluppa sfortunatament meta l-esponenti rrikorra lejn dan t-Tribunal. Jidher li ma ngħatax piż għad-direzzjoni tas-sentenza ndikatai la tal-Qorti tal-Appell u anqas ta dan t-Tribunal u dan billi jidher ċar li ma ġietx deċiża kif kellha in buona fede u fi żmien raġonevoli u din hija "skuża" oħra sabiex għalhekk ma tiġix implimentata d-direzzjoni tal-Qrati u t-tawwal l-proċeduri għall-esponenti.*

*c.Illi fl-ewwel lok u dan ukoll mingħajr preġudizzju fuq dan proprju iktar bir-rispett huwa jirrileva li l-imsemmija ittra ma fiha ebda spjegazzjoni jew motivazjoni valida imma hija deċiżjoni li tidher iktar arbitrarja u mhux bażata fuq il-liġi. U dan għalhekk jmur kontra s-sub-artikolu tnejn (2) "h", tal-Artikolu tlieta (3), tal-Kapitolu 490 Att Dwar il-Ġustizzja Amministrattiva li jgħid li s-sentenzi għandhom ikunu motivati "Tribunal amministrattiv għandu jagħti, b'mod biżżejjed ċar, il-motivi li fuqhom tkun mibnija deċiżjoni." U dan kif huwa rifless fl-insenjament kostituzzjonali tagħna senjatament kif ġie deċiż mill-Prim Awla tal-Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali) fil-kawża Raymond Gauci vs Il-Pulizja et fis-27 ta' Ġunju 2002 fejn l-Qorti r-riaffermat li għandha bżonn ta' deċiżjoni motivata u dan huwa parti mill-priniċipju ta' smiegħ xieraq u ta appell.*

*d.Illi fit-tieni lok ukoll mingħajr preġudizzju għas-suespost l-esponenti umilment jissottometti formalment u għalhekk umilment f'dan jirreferi għall-provi u l-atti li diġa ġew miġbura fil-proċeduri deċiżi finalment mill-Qorti tal-Appell fl-4 ta' Novembru 2020 fl-ismijiet premessi (App.Nru 75/2019/1LM) kif ukoll dawk dan t-Tribunal fit-12 ta' April 2022 (Rik.Num 109.21) fl-ismijiet Kenneth Tabone vs Awtorita tal-Artijiet u jitlob li l-atti jiġu debitament allegati u esebiti f'dawn l-proċeduri*

*e. Illi, in sosten ta' dak sottomess f' paragrafu (d) tal-preżenti, l-esponenti umilment jissottometti kif il-posizzjoni tal-Awtoritá hawnhekk intimata ixxekkel lil dan it-Tribunal milli jilħaq l-għanijiet tiegħu kif stipulata taħt l-Artikolu 3(2)(b) tal-Kap. 490 tal-Liġijiet ta' Malta, u dan tenut kont tal-fatt li d-deċiżjonijiet ta' dan it-Tribunal, stante li dawn qegħdin ikunu għal kollox imwarba mill-imsemmija Awtoritá, ma jistawx issa*

*jikkostitwixxu f' deċiżjoni 'waħda dwar il-kwistjonijiet kollha involuti fil-kawża', tant li qiegħda tinħoloq sitwazzjoni fejn konkurrenti għal xulxin hemm diversi sentenzi mgħotija fuq l-istess kwistjoni u materja.*

*Għaldaqstant l-appellanti fil-waqt li jagħmel referenza għas-suespost , għall-provi diġa prodotti u dawk produċċibbli quddiem dan it-Tribunal Onorabbli kif ukoll għas-sottomissjonijiet li saru u dawk sollevabbli jitlob bir-rispett li dan it-Tribunal jogħġbu jirrevoka, jħassar u jannulla d-deċiżjoni li jidher li ttieħdet mill-Awtorita tal-Artijiet fl-14 ta' Settembru 2022 u kif kontenuta fl-ittra tal-4 ta' Ottubru 2023 u komunikata lill-konsulent legali tal-esponenti fis-16 ta' Ottubru 2023 u konsegwentement li jingħataw dawk l-ordnijiet jew provvedimenti oħra li jidhirlu xierqa u ġusti. Bl-ispejjes kontra l-imsemmija Awtorita.*

Ra r-risposta tal-**Awtorita` intimata** ppreżentata fit-21 ta' Novembru 2023 li permezz tagħha eċċepiet is-segwenti:-

*Illi l-Awtorita ġiet notifika bir-rikors fl-ismijiet su-ċitati nhar it-2 ta' Novembru 2023 elfejn tlieta u għoxrin u ġiet mogħtija għoxrin ġurnata ċans biex tirrispondi skont il-liġi.*

*Illi l-appellant kien intavola applikazzjoni mal-Awtorita esponenti bin-numru PLA1/2019/1840 għall-No objection in principle ;- Kiosk for selling food at part of Triq Burmarrad, San Pawl il-Baħar. Dik l-applikazzjoni kienet ġiet rifjutata mill-Bord tal-Gvernaturi tal-Awtorita' esponenti 'peress li ma hemmx bżonn għal-Kiosk oħra f' dak l-ambjent peress li diġa jeżistu numru ta' stabbilimenti kummerċjali u tali kiosk tista' toħloq periklu tat-traffiku'.*

*Illi dik id-deċiżjoni ġiet appellata quddiem dan l-Onorabbli Tribunal permezz ta' rikors numru 75/2019 fl-ismijiet Kenneth Tabone vs l-Awtorita' tal-Artijiet u fejn dan l-Onorabbli Tribunal laqa' parzjalment l-appell imsemmi. Madankollu, wara appell minn dik id-deċiżjoni, il-Qorti tal-Appell fis-Sede Inferjuri tagħha irrevokat id-deċiżjoni tal-Bord tal-Gvernaturi fit-totalita' tagħha.*

*Illi għalhekk l-esponenti intalbet mill-appellant sabiex hija toħroġ il-permessi neċessarji in vista tal-istess deċiżjonijiet. Konsegwentament, l-esponenti reġgħet bdiet tikkonsidra mill-ġdid l-applikazzjoni u t-talba tal-appellant.*

*Illi sadanittant l-appellant pproċeda b' talba ta' mandat in procinctu numru 1151/2021 u liema ġie milqugħ mill-Onorabbli Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri). Illi l-esponenti għalhekk kompliet bil-proċeduri interni ta' rikonsiderazzjoni tal-applikazzjoni tal-appellant, u konsegwentament ġie deċiż li 'The Lands Authroity cannot accede to piecemeal requests for the establishment of kiosk sites on public land which has not been planned for this type of development'. Din id-deċiżjoni wkoll ġiet appellata quddiem dan l-Onorabbli Tribunal u sussegwentament revokata mill-istess.*

*Illi konsegwentament, l-esponenti reġgħet ikkunsidrat mill-ġdid l-applikazzjoni tar-rikorrent. In-Numru intern ta' referenza ta' din ir-rikonsiderazzjoni huwa GLA12/2022/00AP. Din ir-referenza hija differenti minn dawk preċedenti, stante illi din id-deċiżjoni hija deċiżjoni ġdida u indipendenti fit-totalita' tagħha minn dawk ta' qabilha. Hija għalhekk din id-deċiżjoni biss li qiegħda tiġi appellata.*

*Illi permezz tad-deċiżjoni appellata, l-esponenti irrifjutat it-talba tar-rikorrenti sabiex jottjeni No objection għat-tqegħid ta kiosk stante stante li;*

*i) It-Talba għall-allokazzjoni diretta, anke jekk permezz ta' encroachment tmur kontra l-Ispirtu tal-Liġi, u kontra l-proċess kompetittiv u trasparenti promoss mil-liġi*

ii) *Konċessjonijiet b' encroachment għandhom jingħataw biss b'allokazzjoni diretta jekk hemm ġustifikazzjonijiet sufficjenti. Ġustifikazzjoni ineżistenti f' dan il-każ stante li s-sit intgħażel mill-applikant b' mod arbitrarju u li l-kiosk propost mhux kontigwu għall xi stabbiliment.*

*Dan kollu kif aħjar indikat fl-ittra ta' rifjut stess, datata l-14 ta' Settembru 2022 u liema ġiet komunikata permezz ta' email kemm lir-rikorrent u kif ukoll lill-Perit tiegħu fl-istess ġurnata, u ossia fl-14 ta' Settembru 2022.*

*Illi għalhekk jirriżulta ben ċar li kontrarjament għall dak allegat mir-rikorrent, l-Awtorita' ma damietx sabiex ħadet id-deċiżjoni tagħha, anzi hija għamlet dan fi żmien biss ħames xhur mis-sentenza relattiva għar-Rikors 109/2021. Żmien li matulu l-esponenti għamlet il-konsiderazzjonijiet kollha meħtieġa, inkluż billi ikkunsidrat l-osservazzjonijiet kemm ta' dan l-Onorabbli Tribunal u kif ukoll tal-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) fid-deċiżjonijiet kollha preċedenti, u kif ukoll id-designazzjoni tas-sit u n-natura tal-kiosk propost.*

*Illi l-appellant ħassu aggravat bid-deċiżjoni tal-14 ta' Settembru 2022, u għalhekk ressaq dan l-appell quddien dan l-Onorabbli tirbunal.*

*Illi l-istess appellant issenjala l-aggravju tiegħu, u liema l-esponenti sejra tirrispondi għall-istess kif ġej;*

A) *Illi permezz tal-ewwel Aggravju tiegħu, ir-rikorrent indika li skontu huwa qatt ma kien irċieva id-deċiżjoni tal-Awtorita' fl-14 ta' Settembru 2022, u dan filwaqt li indika wkoll li tali deċiżjoni intbgħatet f' indirizz elettroniku żbaljat.*

*Illi madanakollu, l-esponenti tibda billi tissenjala li d-deċiżjoni tagħha ġiet komunikata fuq l-indirizz mogħti mill-applikant fl-applikazzjoni tiegħu stess. Applikazzjoni li fiha huwa iddikjara li qiegħed jagħti informazzjoni korretta. Għalhekk, jekk dak allegat huwa minnhu, din id-deċiżjoni ntbgħatet f' indirizz żbaljat minħabba nuqqas tar-rikorrent li provda informazzjoni ħażina lill-Awtorita' u mhux għall xi ħtija tal-Awtorita'.*

*Illi aktar minn hekk, l-esponenti tissenjala wkoll li l-istess deċiżjoni, ossia email, kienet notifikata wkoll lill-Perit tal-applikant, u li għalhekk ċertament l-istess applikant kien konxju bl-istess deċiżjoni. Is-sensiela ta' ittri mibgħuta mir-rikkorrent u r-rappreżentanti tiegħu ma kienu xejn għajr fishing epedition, sabiex itawwal iż-żmien ta' dan l-appell.*
*Illi għalhekk ukoll, l-esponenti tirrespinġi bil-qawwa l-allegazzjoni li l-Awtorita' 'damet sew' milli tieħu d-deċiżjoni tagħha, hekk kif din id-deċiżjoni ittieħdet fi żmien raġjonevoli u ġiet komunikata kemm lir-rikorrent, fuq l-indirizz elettroniku provdut minnhu u kif ukoll lill-perit tiegħu u liema kien qed jassistih u jsegwi l-istess aplikazzjoni.*

*Illi apparti minn hekk, l-esponenti hija konvinta mill-fatt li l-istess rikorrenti kien konxju mid-deċiżjoni u l-kontenut tagħha anke tramite l-Perit tiegħu u li għalhekk, għandu jitqies li huwa kien irċieva l-imsemmijja deċiżjoni.*

*Illi konsegwentament, l-esponenti tissottometti li r-rikorrent kien irċieva din id-deċiżjoni, kien konxju biha, u li għalhekk dan l-appell odjern huwa tardiv, stante li ġie intavolat iktar minn sena wara ma intbgħatet id-deċiżjoni lill-istess rikorrenti.*

B) *Illi f' dan it-tieni aggravju, ir-rikorrent issotni li din id-deċiżjoni hija "ripetizzjoni f' verżjoni differenti". Madankollu, l-esponenti ma taqbilx ma din id-dedduzzjoni. L-Awtorita, kif ordnata minn dan l-Onorabbli Tribunal reġgħat eżaminat il-każ odjern mill-ġdid, u wara tali konsiderazzjoni waslet għall-deċiżjoni ġdida. Deċiżjoni li tikkomprendi elementi ukoll distinti mid-deċiżjonijiet ta' qabilha, u dan fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet li l-Awtorita' għamlet f' dan il-proċess.*

*Illi l-esponenti tissenjala li lanqas ma huwa l-każ li daħal xi forma t' akkaniment fil-konfront tal-appellant. L-esponenti tiġi rinfaċċjata b'diversi oġġezzjonijiet jew appelli ai termini tal-artiklu 57 tal-Kapitlu 563 u bl-istess mod hija jkollha diversi applikazzjonijiet li terġa tikkonsidra mill-ġdid kif ordnat minn dan l-Onorabbli Tirbunal jew Qrati oħra. Konsegwentement imbagħad ikun mill-ġdid fid-diskrezzjoni tal-esponenti illi tiddeċidi kull applikazzjoni partikolari, fuq il-mertu tagħha u dan in vista ta' dawk il-konsiderazzjonijiet relevanti fil-mument partikolari ta' vetting.*

*Illi kif ser jiġi muri, l-esponenti mxiet bil-mod solitu ta' kif tiġi irrikkonsidrata applikazzjoni, u għalhekk kwalunkwe allegazzjoni da parti tal-appellant dwar xi nuqqas f' dak il-proċess għandu jiġi pruvat mill-istess appellant. Madankollu, l-esponenti sejra turi wkoll kif kontrarjament għall-dak allegat mill-appellant, hija eżaminat u tat piż għad-deċiżjoni tal-Qorti tal-Appell.*

*Din hija deċiżjoni meħuda fid-dawl ta' dak li l-liġi stess tobbliga lill-esponenti li tagħmel, u iġifieri li tamministra bl-aktar mod assolut l-art tal-Gvern ta' Malta bl-aħjar mod possibli u sabiex isir l-aħjar użu minnha.*

C) *Illi fir-rigward ta' dan it-tielet aggravju, l-appellant jirrileva illi skontu d-deċiżjoni ma fiha ebda spjegazzjoni jew motivazzjoni valida, u jsostni li tidher arbitrarja u mhux bażata fuq il-liġi. L-esponenti iżda tissenjala illi l-bażi ta' rifjut mhux talli jinsab fil-liġi, talli huwa bbażżat purament fuq l-obbligi li l-liġi tpoġġi fuq l-istess esponenti kif hawn fuq spjegat ai termini tal-artiklu 7 tal-Kapitlu 563 tal-Liġijiet ta' Malta. Huwa għalhekk li l-leġislatur jagħti diskrezzjoni speċifika lill-Awtorita' tal-Artijiet sabiex tiddeċidi applikazzjonijiet bħall dawn.*

*Illi fir-rigward tal-motivazzjoni, l-esponenti tissenjala li deċiżjoni ta' Awtorita' amministrattiva għandha tkun motivata biżżejjed sabiex persuna tkun tista tikkontesta dik l-istess deċiżjoni, u dan anke skont l-insenjamenti relattivi fir-rigward tat-duty to give reasons fil-kuntest ta' Awtoritajiet pubbliċi (u mhux ta' xi korp ġudizzjarju jew Kważi-ġudizzjarju fejn deċiżjoni trid tkun ferm aktar elaborata).*

*Illi d-deċiżjoni hija wkoll motivata biżżejjed sabiex l-appellant jifhem illi l-Awtorita ma qegħdiex taċċetta talbiet għat-tqegħid ta' kiosks f' siti li ma humiex pjanati għall-tali żvilupp. Posizzjoni li l-esponenti qiegħeda issegwi mal-applikanti kollha li japplikaw fuq siti li ma humiex allokkat għall iżvilupp partikolari li huma jkunu talbu. Dan hekk kif huwa fid-diskrezzjoni tal-istess Awtorita', u saħansitra fl-interess tal-pubbliku inġenerali li jiġi assigurat li ma jibqgħux jitqiegħedu kiosks f' żoni li ma humiex identifikati għall-dawn l-iskopijiet, u sabiex tinżamm uniformita' f' tali konċessjonijiet.*

*Illi fl-appell odjern jirriżulta kjarament li l-appellant fehem id-deċiżjoni, tant illi interpona appell ferm motivat u konsistenti minn għadd konsiderevoli ta' aggravji. Dan*

*jikkonferma li d-deċiżjoni tal-esponenti kienet motivata kif mitlub mid-dettami tal-liġi u li l-istess appellant tpoġġa f' posizzjoni fejn jista' jikkontesta l-istess deċiżjoni.*

*Illi l-appellant jirreferi għas-sub artikolu (2) 'h' tal-artiklu 3 tal-Kapitlu 490 tal-Liġijiet ta' Malta, madankollu jiġi senjalat li dak l-artiklu jirreferi għall-sentenzi tat-Tribunal Amministrattiv innifsu, u mhux tad-deċiżjoni amministrattiva illi dak it-tribunal ikun qed jiskrutinizza. Bl-istess mod, anke d-deċiżjoni li għaliha ssir referenza mill-appellant, senjatament dik tal-**Prim Awla tal-Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali) fil-kawża Raymond Gauci vs Il-Pulizija et tas-27 ta' Ġunju** tirrelata għall-motivazzjoni f' sentenza ta' Qorti (f' dak il-każ il-Qorti Kriminali), u mhux ta' Awtorita' Amministrattiva.*

D) *Illi fir-rigward tar-raba' aggravju, l-appellant jirreferri għas-sottmissijonijiet tiegħu fil-proċeduri 75/2019 inkluż fost l-oħrajn għall-pjanti tal-perit Jesmond Mugliett, u kif ukoll għall-kwistjonijiet ta' traffiku. Madankollu, l-esponenti terġa tissotemetti illi id-deċiżjoni odjerna (dik tal-4 t' Ottubru 2020) hija totalment indipendenti minn dik ta' qabila (u liema ġiet imħassra fuq ordni tal-Qorti) u li tali konsiderazzjonijiet msemmijja f' dan il-lok għalhekk ma jistgħu jimpinġu bl-ebda mod fuq l-appell odjern. Skont l-insejament ta' dan l-Onorabbli Tirbunal u anke tal- Onorabbli Qorti tal-Appell, oġġezzjoni ai termini tal-Artiklu 57 tal-Kap. 563 tista ssir biss abbażi ta' deċiżjoni tal-Awtorita.*

E) *Illi fir-rigward tal-ħames aggravju, l-esponenti ma taqbilx mal-interpretazzjoni tar-rikorrenti tal-Artikolu 3(2) b tal-Kapitlu 490. Fl-ewwel lok jiġi senjalat li l-Appell odjern qiegħed isir ai Termini tal-Kapiltu 563 tal-Liġijiet ta' Malta u li di fatti jipprovdi speċifikament terminu f' liema żmien dan l-Onorabbli Tribunali għandu jiddeċiedi dawn il-proċeduri. Mill-banda l-oħra, l-artiklu ċitat mir-rikorrenti huwa artiklu fil-liġi ġenerali (mhux dik speċjali) li ma jikkomba`ax b' mod dirett ma dak li trid il-liġi speċjali.*

*Illi apparti minn dan, jirriżulta wkoll li l-Artikolu ċitat mir-rikorrenti, jitkellem fuq il-mod kif għandha tingħata deċiżjoni minn dan l-Onorabbli Tribunal fil-kors ta' proċedura singulari. Di fatti l-istess artikolu jitkellem fuq tlett binarji ta' deċiżjonijiet, dawk preliminari, proċedurali jew sostantivi, ossia ifl-kuntest tal-istess proċeduri.*

*Illi ċertament, ma kienet qatt l-intenzjoni tal-leġislatur li jwaqqaf lill dan l-Onorabbli Tribunal milli jiddeċiedi jew jagħti deċiżjonijiet fir-rigward ta' xi deċiżjoni li tkun reġgħet ġiet ri-evalwata minn xi Awtorita' Amministrattiva. Dan anke in vista tal-fatt, li anke jekk id-deċiżjonijiet appellati jirrelataw għall-istess applikazzjoni, dawn huma xorta waħda deċiżjonijiet ġodda u indipendenti minn xulxin.*

*Għaldaqstant, dan l-Onorabbli tribunal għandu jiċħad it-talbiet kollha mressqa quddiemu mir-rikorrenti appellanti, u dan bl-ispejjeż interament għall istess rikorrenti appellanti.*

*Salv eċċezzjonijiet ulterjuri*

Ra illi in vista tal-eċċezzjoni tal-Awtorita` intimata dwar it-tardivita` tal-appell, ordna li jitressqu provi dwar l-istess eċċezzjoni u li l-istess

eċċezzjoni tiġi deċiża qabel il-mertu;

Ra d-deċiżjoni tas-27 ta' Frar 2024 li permezz tagħha ċaħad l-eċċezzjoni preliminari tal-Awtorita` intimata dwar it-tardivita` tal-appell u ordna l-prosegwiment tas-smigħ tal-kawża fil-mertu;

Sema' x-xhieda;

Ra illi permezz ta' digriet datat 25 ta' Marzu 2024 ordna l-allegazzjoni tal-proċessi tar-Rikorsi Numru 75/19 u 109/21;

Sema' t-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet;

Ra li r-rikors tħalla għal-lum għas-sentenza.

**Ikkunsidra:**

Illi r-rikorrent ħassu aggravat b'deċiżjoni tal-Awtorita` intimata kontenuta f'ittra datata 14 ta' Settembru 2022 li permezz tagħha ġie nfurmat li l-applikazzjoni tiegħu għal *no objection in principle* għal *"kiosk for selling food at Part of Triq Burmarrad, San Pawl il-Baħar"* ġiet miċħuda għas-segwenti raġunijiet, u ċioe`:

*The Lands Authority cannot accede to requests for the direct allocation of public land under any form of title, including encroachment concessions since this goes against the spirit of the law, in particular the provisions of the Government Lands Act Cap 573, in terms of the requirement of a competitive and transparent bidding process where potential commercial sites are offered to the public in general by tender or auction. Encroachment concessions should only be awarded by direct allocation to applicants if there is sufficient justification, such as the area being contiguous to a larger establishment. This is not the case for the current proposal since the site has been chosen and proposed in an arbitrary manner by a private individual, and the proposed kiosk is a stand-alone commercial unit without any correlation to a contiguous establishment.*

Illi tajjeb li f'dan l-istadju inizjali t-Tribunal jikkwota minn sentenza ta' dan it-Tribunal stess fl-istess ismijiet li ngħatat fit-12 ta' April 2022 sabiex jagħti r-retroxena ta' dan l-appell,[1] u ċioe`:

*Illi fis-17 ta' April 2019 ir-rikorrent kien ippreżenta applikazzjoni mal-Awtorita` intimata sabiex jingħata encroachment fuq biċċa art pubblika ġewwa Burmarrad sabiex fuqha jpoġġi kiosk. Illi din it-talba ġiet rifjutata mill-Awtorita` permezz ta' deċiżjoni datata 19 ta' Lulju 2019 u dan għar-raġuni li skond l-Awtorita` ma kienx hemm bżonn*

[1] Dokument AST3 a fol. 23

*ta' kiosk oħra f'dak l-ambjent peress li jeżistu numru ta' stabbilimenti kummerċjali u tali kiosk jista' joħloq perikolu għat-traffiku.*

*Illi r-rikorrent kien appella minn dik id-deċiżjoni u dan it-Tribunal, permezz ta' sentenza datata 13 ta' Frar 2020, kien laqa' parzjalment l-appell tar-rikorrent in kwantu rrevoka d-deċiżjoni appellata fir-rigward taċ-ċaħda tal-applikazzjoni abbażi tal-fatt li ma hemmx bżonn kiosks oħra fl-akkwati, pero` żammha ferma in kwantu rifjutata abbażi li tali kiosk seta' joħloq perikolu għat-traffiku.*

*Illi r-rikorrent appella minn dik is-sentenza fejn il-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) permezz ta' sentenza datata 4 ta' Novembru 2020 irrevokat dik il-parti tas-sentenza fejn ċaħdet l-appell tar-rikorrenti abbażi tal-perikolu tat-traffiku. Kwindi b'dan il-ġudikat id-deċiżjoni tal-Awtorita` intimata ġiet totalment revokata.*

*Illi jirriżulta li immedjatament ir-rikorrent beda jiġri wara l-Awtorita` intimata biex terġa' tirrikunsidra l-applikazzjoni tiegħu kemm permezz ta' ittri legali u anke permezz ta' ittra uffiċjali ppreżentata fil-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-13 ta' Mejju 2021. Madanakollu jirriżulta li huwa baqa' bla risposta. Kien għalhekk li fit-28 ta' Lulju 2021 r-rikorrent ipproċeda billi ntavola Mandat in Proċintu (Numru 1151/21) fejn talab lill-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) sabiex "prevja kull direzzjoni jew digriet li tħoss opportun li jingħata umilment qiegħed jiġi mitlub li din l-Onorabbli Qorti ai termini tal-artikolu 388B tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili Kapitolu Tnax (12) tal-Liġijiet ta' Malta tilqa' it-talba għall-ħruġ ta' dan il-mandat in proċintu u konsegwentement li l-intimata Awtorita` tiġi ordnata li teżegwixxi s-sentenza tagħha ta' l-4 ta' Novembru 2020 (numru 75/2019/1LM) bl-ismijiet Kenneth Tabone (K.I. 18984M) vs Awtorita` tal-Artijiet bl-ispejjeż relattivi."*

*Illi permezz ta' digriet datat 3 ta' Settembru 2021 il-Qorti ta' l-Appell ordnat il-ħruġ tal-mandat mitlub u ordnat lill-Awtorita` intimata sabiex "tiffinalizza l-proċess ta' evalwazzjoni mill-ġdid tal-applikazzjoni tar-rikorrent fi żmien erba' (4) ġimgħat mill-ħruġ ta' dan il-mandat, wara li tagħti konsiderazzjoni xierqa lir-raġunijiet mogħtija minn din il-Qorti fis-sentenza tagħha tal-4 ta' Novembru 2020."*[2]

Wara tali ordni, l-Awtorita` intimata proċessat l-applikazzjoni tar-rikorrent fejn reġgħet ċaħdet l-applikazzjoni tar-rikorrent, min liema deċiżjoni sar appell u dan it-Tribunal reġa' rrevoka l-istess deċiżjoni permezz ta' sentenza li parti minnha ġiet ikkwotata hawn fuq. Wara dan it-tieni appell, ittieħdet id-deċiżjoni appellata li ġiet a konoxxenza tar-rikorrent wara li għamel l-indaġni tiegħu dwar x'kien sar mill-applikazzjoni tiegħu.

Il-Kap Eżekuttiv tal-Awtorita` intimata, Robert Vella, spjega r-raġuni tar-rifjut għall-applikazzjoni tar-rikorrent li qed jitlob post speċifiku biex jokkupah bi kiosk. Spjega li huwa kien iddiskuta l-materja ta' *encroachment* għal kiosks mal-Bord tal-Gvernaturi u għamilha ċara illi sit ma jistax jintgħażel *at random* minn individwu u wkoll illi jrid isir pjan fejn għandhom jiġu permessi li jitpoġġew kiosks. Apparti minn hekk, jekk jiġi

[2] Dokument AST3 a fol. 23

deċiż li jingħata sit b'*encroachment* dan għandu jingħata wara proċess kompetittiv. Apparti minn hekk, huwa ssokta jgħid illi konċessjoni għal kiosk trid tkun ġustifikata bħal f'każijiet ta' talba għal *encroachment* li tkun anċillari għal xi stabbiliment ikbar. Apparti minn dan, is-Sur Vella żied illi kiosks bħal dawk li jrid permess għalih ir-rikorrent qegħdin jiġu negozjati fis-suq miftuħ għal ammonti konsiderevoli ta' ewro u ħadu natura permanenti u dan meta *hawkers* jistgħu jokkupaw spazji ta' art pubblika għal perjodi temporanji mingħajr il-ħtieġa ta' konċessjoni b'*encroachment*.

**Ikkunsidra:**

Illi dan huwa proċess li ilu għaddej numru ta' snin, b'dan l-appell ikun it-tielet wieħed li jressaq ir-rikorrent kontra deċiżjonijiet tal-Awtorita` intimata fir-rigward tal-istess talba, u ċioe` biex jingħata permess għat-tpoġġija ta' *kiosk* fuq art pubblika.

Illi f'dawn l-aħħar snin, l-Awtorita` intimata tat tliet (3) deċiżjonijiet fir-rigward tal-applikazzjoni tar-rikorrent, u ċioe`:

1. B'deċiżjoni notifikata permezz ta' ittra datata 19 ta' Lulju 2019 ir-rikorrent ġie infurmat illi l-applikazzjoni tiegħu għal *no objection in principle* għal *"kiosk for selling food at Part of Triq Burmarrad, San Pawl il-Baħar"* kienet qiegħda tiġi miċħuda stante ***"li ma hemmx bżonn għal kiosk oħra f'dak l-ambjent peress li diġa` jeżistu numru ta' stabbilimenti kummerċjali u tali kiosk tista' toħloq periklu tat-traffiku."***[3]
2. B'deċiżjoni notifikata permezz ta' ittra datata 4 ta' Ottubru 2021 ir-rikorrent ġie nfurmat li l-applikazzjoni tiegħu ġiet rifjutata stante li ***"a) The Lands Authority cannot accede to piecemeal requests for the establishment of kiosk sites on public land which has not been planned for this type of development."***[4]
3. B'deċiżjoni notifikata permezz ta' ittra datata 14 ta' Settembru 2022, li pero` jirriżulta li ma ġietx notifikata qabel l-4 ta' Ottubru 2023, l-Awtorita` intimata rrifjutat l-applikazzjoni u nfurmat lir-rikorrenti bis-segwenti: **"*The Lands Authority cannot accede to requests for the direct allocation of public land under any form of title, including encroachment concessions since this goes against the spirit of the law, in particular the provisions of the Government Lands Act Cap 573, in terms of the requirement of a competitive and transparent bidding process where potential commercial sites are offered to the public in general by tender or auction.***

[3] A fol. 4 tar-Rikors Numru 75/19
[4] A fol. 8 tar-Rikors Numru 109/21

***Encroachment concessions should only be awarded by direct allocation to applicants if there is sufficient justification, such as the area being contiguous to a larger establishment. This is not the case for the current proposal since the site has been chosen and proposed in an arbitrary manner by a private individual, and the proposed kiosk is a stand-alone commercial unit without any correlation to a contiguous establishment.”***[5]

Illi minn dak li xehed il-Kap Eżekuttiv tal-Awtorita` intimata jirriżulta li huwa ħareġ direzzjoni li ma jingħatawx permessi sabiex jitpoġġew *kiosks* fuq art pubblika sakemm iż-żona ma tkunx ġiet ippjanata għal tali attivita` u sakemm siti li jkunu inklużi fl-istess żona ppjanata ma jinħarġux b'offerta. Skont l-istess Kap Eżekuttiv, din id-direzzjoni nħarġet fl-ispirtu ta' dak li jistipula l-artikolu 31 tal-Kapitolu 573 tal-Liġijiet ta' Malta, u ċioe` li opportunita` għat-tgawdija ta' art pubblika għandha tingħata lil kulħadd wara proċess kompetittiv.

Illi dan it-Tribunal ġia` kellu l-okkażjoni jesprimi ruħu fuq din id-direzzjoni fis-sentenza ***Manwel Xerri vs Awtorita` tal-Artijiet*** deċiża minn dan it-Tribunal fit-3 ta' Awwissu 2023 u mħux appellata. It-Tribunal iħoss li għandu jikkwota b'mod estensiv minn din is-sentenza stante illi parti mir-raġuni tar-rifjut hija simili u f'ċerti punti identika għal dik odjerna. F'dik is-sentenza ntqal hekk:

*"Illi mill-provi mressqa jirriżulta li d-deċiżjoni appellata hija frott ta' direzzjoni da parti tal-Kap Eżekuttiv illi ma jibqgħux jingħataw permessi ta' encroachment biex jitpoġġew gabbani sakemm iż-żona ma tkunx ippjanata sabiex takkomoda tali żvilupp u sakemm ma jsirx proċess kompettitiv. Il-Kap Eżekuttiv spjega li din id-direzzjoni hija wkoll in linea mal-artikolu 31 tal-Kapitolu 573 tal-Liġijiet ta' Malta. Illi ċ-ċitat artikolu jirregola metodi differenti ta' trasferiment ta' art tal-Gvern, fosthom l-għoti ta' art b'encroachment għal użu temporanju u speċifiku. Illi fejn jidħlu permessi ta' encroachment, għalhekk il-liġi ma tispeċifikax illi jrid ikun hemm proċess kompetittiv bħal ma tispeċifika f'każijiet oħra. Madanakollu l-Kap Eżekuttiv kien tal-fehma illi waħda mill-kriterji biex ikun jista' jingħata encroachment huwa li proprju jkun hemm proċess kompetittiv. Illi filwaqt li dan it-Tribunal jifhem illi huwa desiderabbli li jkun hemm dan il-proċess kompetittiv, u dan għaliex għandu jiġi massimizzat il-potenzjal tal-art pubblika jekk jiġi deċiż li din tiġi konċessa favur il-privat, min-naħa l-oħra il-leġislatur bl-ebda mod ma rabat l-għoti ta' permess ta' encroachment ma' proċess kompettitiv. Fejn ried li trasferiment b'titolu ieħor tkun regolata bi proċess kompettitiv, dan ġie tassattivament imsemmi fl-istess artikolu. Kwindi t-Tribunal huwa tal-fehma illi dik il-parti tad-deċiżjoni fejn il-permess ġie rifjutat għaliex imur kontra l-ispirtu tal-artikolu 31 tal-Kapitolu 573 tal-Liġijiet ta' Malta hija legalment żbaljata.*

[5] A fol. 10 tar-Rikors Numru 115/23

*Illi magħdud dan kollu, min-naħa l-oħra, it-Tribunal huwa tal-fehma illi l-Awtorita` intimata għandha kull dritt tfassal il-policies tagħha sabiex tiġi salvagwardata l-art pubblika u dan fil-qafas tad-doveri tagħha ai termini tal-artikolu 7 (2) (c) tal-Kapitolu 563 tal-Liġijiet ta' Malta, u ċioe` li* ***"tamministra bl-akbar mod assolut sabiex isir l-aħjar użu tal-art kollha tal-Gvern ta' Malta."*** *Illi pero` dan ma jfissirx illi fejn jirrigwarda permess ta' encroachment tista' tmur oltre li tistipula l-liġi u żżid kriterji li l-leġislatur ħass li m'għandhomx jiffiguraw fil-liġi.*

*Għaldaqstant it-Tribunal huwa tal-fehma, illi filwaqt li l-Awtorita` intimata għandha kull dritt tirrifjuta applikazzjonijiet għal permessi ta' encroachment ibbażata fuq raġunijiet li joħorġu mil-liġi jew minn xi policy tagħha li tkun saret in konformita` mal-liġi, ma għandhiex dritt li tfassal direzzjoni bħal dik imfassla mill-Kap Eżekuttiv, anke jekk ċertament dan it-Tribunal jista' jifhem li dan sar biex jimmassimizza l-potenzjal tal-art pubblika. Illi huwa wisq probabbli li l-leġislatur ma daħħalx l-element ta' kompetizzjoni meta tratta permessi ta' encroachment għaliex dawn huma titoli prekarji u li jistgħu jiġu mwaqqfa minnufih mill-istess Awtorita`. Di piu` m'hemm xejn li jżomm lill-Awtorita` li tistipula hi l-prezz ġust li għandu jitħallas għal encroachment. Kwindi l-Awtorita` għandha l-mekkanizmi kif timmassimizza hija stess il-potenzjal ta' art li tingħata b'encroachment. Illi bir-rispett kollu lejn l-argumenti mressqa mill-Kap Eżekuttiv dwar il-fatt illi jekk wieħed jingħata encroachment imbagħad ikun diffiċli ferm biex jiġi terminat l-istess encroachment, it-Tribunal iqis li din il-problema tinqala' biss fejn ma jkunx hemm rieda tajba li jsir infurzar kif suppost. Dan qiegħed jingħad għaliex il-liġi ma tagħti ebda protezzjoni lil min ikollu permess ta' encroachment u l-ebda persuna li għandha tali permess ma tista' tippretendi xi ħaġa iżjed milli tagħtiha l-liġi. In vista ta' dan il-pronunzjament it-Tribunal ma jarax li hemm lok li jidħol fl-aggravji l-oħra msemmija fir-rikors promutur.*

*Illi pero`, it-Tribunal jagħmel referenza għal aggravju mressaq mir-rikorrent fit-trattazzjonji orali tiegħu, u ċioe` li d-direzzjoni tal-Kap Eżekuttiv tal-Awtorita` intimata fuq il-kwistjoni tal-encroachment għal kjosks hija waħda ultra vires il-poter li tagħtih il-liġi u dan stante li tali direzzjoni kienet tispetta lill-Bord tal-Gvernaturi. Illi għalkemm dan l-aggravju mhux inkluż fil-korp tar-rikors promutur, it-Tribunal iħoss li għandu jitrattah għaliex kien biss fil-mori ta' dawn il-proċeduri li r-rikorrent sar jaf min effettivament ħa d-deċiżjoni appellata u min kien ta d-direzzjoni hawn fuq imsemmija.*

*Illi ai termini tal-artikolu 14 (1) tal-Kapitolu 563 tal-Liġijiet ta' Malta (Att dwar l-Awtorita` ta' l-Artijiet), il-Bord tal-Gvernaturi tal-Awtorita` intimata għandu jkollu s-segwenti funzjonijiet, u ċioe`:*

*(a) li jistabbilixxi l-linji regolatorji li għandhom jiġu segwiti mill-Awtorità. Fid-determinazzjoni ta' dawn ir-regoli, il-Bord għandu jsegwi linji gwida li jistgħu jiġu stabbiliti mill-Gvern;*
*(b) li jipprovdi uffiċċju ċentralizzat biex jirċievi u jipproċessa l-applikazzjonijiet u d-dokumenti;*
*(ċ) li jipprovdi uffiċċju ċentralizzat għall-ilqugħ u l-ipproċessar tal-ilmenti, rapporti u valutazzjoni tal-informazzjoni, relatati ma' allegat ksur tad-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att, u jikkoordina l-investigazzjonijiet meħuda mill-awtoritajiet kompetenti kull meta l-Awtorità hija tal-fehma li ksur għandu jiġi investigat;*

***(d) li jifformula, jimplimenta u jaġġorna l-pjanijiet u r-regoli relatati mal-promozzjoni tal-proprjetà kollha tal-Gvern, u materji oħra li jistgħu jkunu meħtieġa, ancillari, incidentali jew li jwasslu għat-twettiq aħjar tad-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att;***
*(e) li jfittex il-kooperazzjoni ta', jew jagħmel arranġamenti ma' entitajiet jew persuni oħra biex ikun jista' jimmonitorja aħjar l-implimentazzjoni u l-konformità mad-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att;*
*(f) biex jistabbilixxi għanijiet u strateġiji fit-tul u fil-qosor għall-amministrazzjoni xierqa tal-Awtorità;*
*(g) li jagħti parir lill-Ministru fuq l-għemil ta' linji gwida u r-regolamenti taħt dan l-Att;*
*(h) biex jagħmel ordnijiet taħt dan l-Att;*
*(i) li joħroġ dokumenti ta' gwida teknika li jistgħu jkunu meħtieġa minn żmien għal żmien;*
*(j) li jaħtar minn żmien għal żmien sotto-kumitati għall-fini ta' ġbir ta' rapporti teknici u, jew sabiex jiġu identifikati proceduri li għandhom ikunu adottati.*

*Min-naħa l-oħra, artikolu 15 (3) tal-Kapitolu 563 tal-Liġijiet ta' Malta jistipula illi:*

*L-Uffiċjal Kap Eżekuttiv għandu jkun* ***responsabbli għall-implimentazzjoni tal-objettivi tal-Awtorità kif stabbiliti mill-Bord****. Fl-eżerċizzju tal-funzjonijiet tiegħu u mingħajr preġudizzju għall-ġeneralità ta' dak hawn qabel imsemmi l-Uffiċjal Kap Eżekuttiv għandu:*

*(a) jassumi s-superviżjoni u l-kontroll totali tad-Direttorati, inkluż it-twaqqif tal-Unitajiet, Diviżjonijiet u Sezzjonijiet li fil-fehma tal-Uffiċjal Kap Eżekuttiv jistgħu jkunu meħtieġa għall-funzjonament xieraq tal-Awtorità u jassenja lil dawn id-dipartimenti d-dmirijiet rispettivi tagħhom;*
*(b) jikkordina l-ħidma tad-Direttorati, Unitajiet,Diviżjonijiet u Sezzjonijiet u jassenja lid-Direttorati dmirijiet bħal dawn li huma minn, jew skont, id-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att vestiti f'dawk id-Direttorati, Unitajiet, Diviżjonijiet u Sezzjonijiet;*
*(ċ) jiżviluppa l-istrateġiji meħtieġa għall-implimentazzjoni kontinwa tal-objettivi tal-Awtorità;*
*(d) jagħti l-parir tiegħu dwar kull kwistjoni riferita lil ujew fuq xi kwistjoni li fuqha huwa jqis li l-parir tiegħu jkun meħtieġ jew spedjenti;*
*(e) iwettaq dawk il-funzjonijiet u d-dmirijiet li l-Ministru jista' jassenjalu minn żmien għal żmien;*
*(f) jistabbilixxi u jikkordina gruppi li jiġu mwaqqfa minn żmien għal żmien biex jifformulaw regolamenti.*

*Illi fil-fehma tat-Tribunal, minn qari ta' dawn id-disposizzjonijiet, il-Kap Eżekuttiv m'għandu ebda poter li jfassal xi policy jew jagħti direzzjoni bħal dik in kwistjoni. Filwaqt li jista' jkun li l-Kap Eżekuttiv kellu diskussjonijiet mal-Bord tal-Gvernaturi, ma ġew prodotti ebda minuti li jindikaw li l-Bord ta xi poter lill-Kap Eżekuttiv biex ifassal il-politika tal-Awtorita`intimata. Dak li ġie ppreżentat huwa Delega li l-Bord ta lill-Kap Eżekuttiv fit-2 ta' Marzu 2021 li tgħid is-segwenti, u cioe`:*

1. ***Delega tas-seghtat għall-Kap Eżekuttiv***

***201/2021***

***Il-Kap Eżekuttiv spjega kif fil-passat kien hemm delega indirizzata lilu sabiex tagħtih il-poter iwettaq funzjonijiet skont kif miftiehem. Huwa spjega kif fid-delega kkomunikata f'Awwissu tal-2019, il-Bord ġie msemmi li għandu dawn il-funzjonijiet: tfassil tal-politika tal-Awtorità; l-approvazzjoni tal-esproprji; l-approvazzjoni tal-permuti; u l-approvazzjoni ta' trasferimenti ta' valur ikbar minn ħames mitt elf Euro (€500,000), filwaqt li l-bqija tal-funzjonijiet jiġu delegati lill-Kap Eżekuttiv. Il-membri tal-Bord innotaw illi ma' din il-lista jrid jiżdied il-fidi ta' ċnus minħabba provedimenti fil-Liġi. Il-Bord ħa nota ta' din id-delega u ddiskuta l-importanza li l-Bord għandu jkun responsabbli mill-politika u mill-proċeduri stabiliti. Huwa ddiskuta wkoll l-importanza li jkun hemm uffiċju ta' l-Awdituri b'saħtu u li tkun studjata l-possibilità li jkun hemm Kumitat tal-Verifika. Il-Bord saqsa li jkollhom kopja tad-delegi passati.***[6]

*Illi din id-delega, jekk xejn, tikkonferma li l-Bord dejjem irriserva għalih it-tfassil tal-politika tal-Awtorita` u li għandu jkun responsabbli mill-politika u mill-proċeduri stabbiliti. Illi għaldaqstant it-Tribunal huwa tal-fehma illi r-rikorrent għandu raġun meta saħaq illi l-Kap Eżekuttiv ma kellu ebda poter li joħroġ direzzjoni li m'għandu jingħata ebda encroachment għal post fiss għal kjosks sakemm is-sit partikolari ma jkunx fil-qafas ta' masterplan u jinħareġ b'sejħa għall-offerti. Illi t-Tribunal josserva illi ma nġabet ebda prova illi din id-direzzjoni jew politika li qed tħaddan l-Awtorita` intimata hija xi politika tal-Bord tal-Gvernaturi. Filwaqt li l-Kap Eżekuttiv xehed illi ddiskuta mal-Bord każ partikolari li dak iż-żmien kien quddiem il-Bord, pero` ma nġabet ebda prova li l-istess Bord ħareġ xi direzzjoni ġenerali jew politika li l-Awtorita` kellha ssegwi.*

*Illi għaldaqstant dan it-Tribunal huwa tal-fehma illi l-Kap Eżekuttiv ma setax jarroga fuqu nnifsu poter li l-leġislatur ħalla f'idejn il-Bord tal-Gvernaturi, u kwindi d-deċiżjoni appellata hija nulla u bla effett anke minn dan il-lat.*

*Għaldaqstant, it-Tribunal, huwa tal-fehma illi d-deċiżjoni appellata hija monka minn żewġ aspetti, u ċioe`, ir-raġuni mogħtija għar-rifjut tal-applikazzjoni odjerna hija waħda legalment żbaljata u wkoll għaliex il-bażi tal-istess deċiżjoni hija direzzjoni li ħarġet mill-Kap Eżekuttiv u mhux mill-Bord tal-Gvernaturi. B'referenza għat-talba tar-rikorrent sabiex jordna lill-Awtorita` intimata taċċetta l-applikazzjoni tiegħu, it-Tribunal jirrileva li l-kompetenza tiegħu hija limitata sabiex jirrevedi deċiżjonijiet amministrattivi iżda mhux li jordna li l-applikazzjoni tar-rikorrent tiġi aċċettata, liema deċiżjoni għandha titħalla dejjem għad-diskrezzjoni tal-awtorita` kompetenti."*

In oltre, t-Tribunal jagħmel referenza għal sentenza riċenti tal-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) fl-ismijiet ***Peter Paul Spiteri vs L-Awtorita` tal-Artijiet***[7] fejn ġie deċiż is-segwenti, u ċioe`:

*"Il-Qorti tirrileva li l-liġi tipprovdi għal diversi metodi kif l-Awtorità talArtijiet tista' tiddisponi minn art pubblika, fosthom b'titolu ta' kiri, jew inkella permezz ta' encroachment permit. L-encroachment permit, li kif diġà ingħad huwa l-aktar titolu prekarju li persuna jista' jkollha fuq proprjetà, jagħmel sens biss f'ċirkostanzi speċifiċi bħal meta ristorant ikun irid jokkupa medda art pubblika biswit l-istess ristorant, sabiex fuqha jkun jista' jpoġġi mwejjed u siġġijiet. Fil-każ in eżami l-appellat talab permess*

---

[6] Dokument RV1 a fol. 91
[7] 10 ta' April 2024

*sabiex ikun jista' jokkupa biċċa art pubblika viċin il-moll minn fejn iniżżel l-inġenji li jintużaw għall-water sports, u għalhekk hemm attività kummerċjali eżistenti li l-permess mitlub jista' jiffaċilita għar-raġunijiet spjegati mill-appellati. Il-Qorti tqis li mill-provi jirriżulta li m'hemm l-ebda policy ċara li tgħid kif għandha timxi l-Awtorità tal-Artijiet meta jsirulha talbiet simili, u dawn it-talbiet qegħdin jiġu analizzati mill-Bord tal-Gvernaturi tal-appellanta, li qiegħed jieħu deċiżjonijiet ad hoc. Il-liġi imkien ma tispeċifika li biex jingħata encroachment permit trid tinħareġ sejħa għall-offerti, kif implika l-Kap Eżekuttiv tal-appellanta Robert Vella fix-xhieda tiegħu, iżda s-sejħa għall-offerti hija meħtieġa fejn l-Awtorità tal-Artijiet tikkontempla li tittrasferixxi proprjetà pubblika b'xi titolu ieħor, bħal ma huwa ċens temporanju jew kiri. Għaldaqstant l-argument li għandha tinħareġ sejħa pubblika għall-offerti, jew li għandu jkun hemm proċess kompetittiv kif allega l-Kap Eżekuttiv tal-Awtorità, mhux biss huwa wieħed żbaljat u ma joħroġx mil-liġi, iżda jagħti raġun lit-teżi tal-appellati li fil-każ odjern l-appellanta qiegħda tiddiskrimina fil-konfront tagħhom, għaliex huwa inawdit li jingħad li encroachment permit għandu jingħata wara proċess kompetittiv, jiġifieri wara li jkun hemm sejħa pubblika għall-offerti. In vista ta' dawn il-konsiderazzjonijiet, tqis li dan l-aggravju mhuwiex ġustifikat, u sejra tiċħdu."*

Illi t-Tribunal ftit għandu x'iżid ma' dak li ntqal fis-sentenzi appena ċitati, u a skans ta' repetizzjoni, qed japplika l-istess insenjament fir-rigward tal-ewwel parti tad-deċiżjoni appellata.

Fir-rigward tat-tieni parti tar-rifjut, l-Awtorita` qed tgħid illi ladarba l-*kiosk* huwa *stand alone unit*, u ma jmiss ma' l-ebda stabbiliment ieħor, allura r-rikorrent ma setax iressaq il-proposta tiegħu. Fil-fehma tat-Tribunal dan ifisser illi huwa biss min għandu stabbiliment diġa` eżistenti li jista' japplika għal konċessjoni ta' *encroachment* biex ipoġġi *kiosk* fuq art pubblika. Illi fil-fehma tat-Tribunal dan ma jagħmilx wisq sens u jmur kontra l-ispirtu tal-kompetittivita`. Illi lanqas it-Tribunal ma jaqbel illi din id-direzzjoni se tgħin lill-Awtorita` fl-infurzar tagħha ta' abbużi fuq art pubblika, kif suġġerit waqt it-trattazzjoni orali. It-Tribunal ħa in konsiderazzjoni dak li stqarr il-Kap Eżekuttiv fl-affidavit tiegħu, u ċioe li l-permessi temporanji bħal dawk ta' *encroachment* ħadu natura permanenti. Illi din il-permanenza tista' tkun biss jekk tittolleraha l-Awtorita` għaliex jekk ma tkunx ittollerata, l-Awtorita` għandha a disposizzjoni l-għodda kollha mogħtija lilha mil-Liġi biex tenforza l-istess liġi kontra min ikun qed jabbuża mill-art pubblika. Kwindi t-Tribunal ma jqisx illi huwa ġustifikat li jitressaq argument a favur ir-rifjut ta' *encroachment* għaliex jekk l-istess permess jingħata jsiru l-abbużi.

Għaldaqstant, it-Tribunal huwa tal-fehma illi d-deċiżjoni appellata hija monka in kwantu ngħatat fuq direzzjoni li mhix imsejsa fuq l-ispirtu tal-artikolu 31 tal-Kapitolu 573 għal dak li għandu x'jaqsam ma' konċessjoniiet b'*encroachments* iżda msejsa prinċipalment fuq

kunsiderazzjonijiet irrilevanti u li ma humiex sorretti mil-liġi li tirregola l-amministrazzjoni tal-art pubblika.

**DECIDE**

Għaldaqstant it-Tribunal, għar-raġunijiet hawn fuq premessi u fit-termini hawn fuq imfissra, qiegħed jilqa' l-appell tar-rikorrent fis-sens illi qiegħed jannulla d-deċiżjoni appellata kif kontenuta fl-ittra tal-14 ta' Settembru 2022, u konsegwentement jiċħad l-eċċezzjonijiet tal-Awtorita` intimata.

Spejjeż a karigu tal-Awtorita` intimata.

---

**Dr. Charmaine Galea**
**President tat-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva**

---

**Antonella Cassar**
**Deputat Reġistratur**